## *Biex nibqgħu niftakru...*

# Inawgurazzjoni tal-monument ta' Ġużeppi Attard – it-tieni fundatur tal-Banda



L-okkażjoni ta' din is-sena kienet titlob li l-Kumitat Ċentrali jibni monument lil wieħed mill-ulied ta' Għajnsielem, li matul ħajtu, offra ħinu, ħidmietu, sagrifiċju u mpenn, biex reġa' waqqaf il-Banda San Ġużepp, wara snin wieqfa minħabba l-gwerra. Ġużeppi Attard ma kienx waħdu meta għamel dan. Ċertament li bniedem waħdu ma jistax iwaqqaf banda sħiħa. Biex ir-rinaxximent tal-Banda setgħa jseħħ fl-1966, ried ikun hemm l-impenn ta' numru mhux żgħir ta' persuni, kemm dawk li riedu jsiru bandisti, kif ukoll oħrajn li riedu jidħlu għat-tmexxija ta' din l-għaqda l-ġdida. Iżda, ried ikun hemm il-moħħ ta' persuna waħda li jfassal it-triq li minnha kellha tgħaddi din l-għaqda rxuxtata. Ġużeppi Attard mhux biss reġa' ta l-ħajja lil din l-Għaqda iżda, bħal missier, baqa' magħha għal snin twal ħalli jara li din timxi, tiżvillupa, tegħleb l-isfidi u timraħ 'il quddiem.

Korp mużikali għandu bżonn ta' direzzjoni mużikali. Dan ġie fdat f'idejn is-Surmast Ġużeppi Farrugia mir-Rabat. Dan is-surmast bravu, daħal għal din l-isfida b'impenn ammirevoli, u f'anqas minn sena, irnexxilu jibni banda li tkun kapaċi toħroġ għall-ewwel darba fil-pubbliku f'Mejju tal-1967. U l-istess bħal Ġużeppi Attard, is-Surmast Ġużeppi Farrugia, baqa' ma' din il-Banda għal snin twal, jimxi pass pass magħha, sakemm ingħaqad mal-Ħallieq u ma' martu fl-1992.

Interessanti l-fatt li fl-1996, meta l-Banda kienet allura qed tiċċelebra t-tletin anniversarju mir-rinaxximent tagħha, l-istess Ġużeppi Attard bħala Segretarju, kien kiteb hekk:

> *"...Jekk min-naħa l-oħra l-maħbub u qatt minsi Surmast Ġużeppi Farrugia ma għadux magħna, dan ser jiġi mfakkar f'bust tal-bronż f'sala li se tiġi msemmiha għalih mill-President ta' Malta l-E.T. Dr Ugo Mifsud Bonnici..."*

Illum, għoxrin sena wara, il-Banda qegħda tinawgura monument ieħor, din id-darba lil Ġużeppi Attard, sabiex jieħu l-ġieħ li hu stess kien ta lis-Surmast Farrugia. Hija kumbinazzjoni li dawn iż-żewġ monumenti liż-żewġ persunaġġi importanti tar-rinaxximent tal-Banda, ġew imwaqqfa proprju fl-anniversarji ta' dan ir-rinaxximent?

Ma hemmx dubju li dawn iż-żewġ persuni jispikkaw fl-istorja kkulurita tal-Banda tagħna. Persuni li jkunu offrew kontribut indispensabbli lil komunita` tagħhom, għandhom dejjem jiġu mfakkra bl-aħjar mod. Hemm diversi raġunijiet għal dan, fosthom is-sens ta' dover, rispett u mħabba. Mhux biss dan. Il-komunitajiet jagħmlu monumenti ta' persuni distinti sabiex permezz tagħhom jispiraw ġenerazzjonijiet ġodda ħalli jimmeljoraw dak li jkunu ħadmu għalih l-antenati tagħhom. Għal dawn ir-raġunijiet u aktar, post il-monumenti mhuwiex fis-swali fejn ikunu maqfula u moħbija, iżda posthom huwa fl-entraturi tal-bini, fejn ikollhom l-akbar espożizzjoni



lejn dawk kollha li jidħlu fil-bini. Dan il-kunċett artistiku kien ġie ntrodott fiż-żmien l-imperu Ruman u baqgħa jiżvillupa matul is-sekli. Hekk per eżempju, il-monumenti tal-Presidenti tar-Repubblika ġewwa l-Palazz ta' San Anton, ma nsibuwhomx fis-swali tal-Palazz, iżda fl-entratura tal-Palazz. B'hekk, kull min jidħol fil-Palazz, b'mod awtomatiku jrid bilfors jgħaddi minn quddiem u jsellem lil dawn il-persuni li fl-istorja okkupaw l-għola pożizzjoni tal-pajjiż.

Għaldaqstant, matul din is-sena, il-Kumitat Ċentrali kien ħa d-deċiżjoni li jressaq quddiem il-Laqgħa Ġenerali, proposta għal proġett ġdid. Dan il-proġett kien maqsum fuq diversi fażijiet, bl-ewwel fażi tkun it-twaqqif ta'



monument ġdid lil Ġużeppi Attard. Ix-xogħol ġie afdat lill-artist Manuel Farrugia, mir-Rabat (Għawdex). L-artist tkellem mal-Kumitat u ġew diskussi dawn il-ħsibijiet. Il-pjani finali kienu jitolbu sabiex il-bust ta' Ġużeppi Attard jingħaqad ma' dak tas-Surmast Ġużeppi Farrugia u t-tnejn għandhom jitpoġġew fl-aktar post ċentrali tal-każin, jiġifieri l-entrata. Naturalment, sabiex l-entrata tkun tista' tospita dawn il-monumenti, jeħtieġ li tinqala' mill-qiegħ. Dak huwa fażi oħra tal-proġett, li l-Banda hi kommessa li tidħol għalih fil-futur.

L-artist Manuel Farrugia m'għandux bżonn ta' introduzzjoni. Għalkemm għadu żagħżugħ, huwa bena għalih isem ta' fama kemm fil-pittura, kif ukoll fl-



iskultura. L-arti tiegħu llum nsibuha mifruxa mal-pajjiż kollu; minn pittura privata għal pittura fil-knejjes, minn pittura sagra, għal pittura profana. Dan l-aħħar, huwa kien ikkommissjonat mid-Djoċesi t'Għawdex sabiex jagħmel il-monument ta' San Ġorġ Preca mal-faċċata tal-Knisja ta' San Ġakbu fir-Rabat, kif ukoll l-artal mejda tal-Bażilika tal-Għarb. L-artist ħa ħsieb jipprepara d-disinn tal-monument u dan,



flimkien mal-pjan ħolistiku kollu, ġew ippreżentati fil-Laqgħa Ġenerali Annwali għas-sena 2015. Il-membri approvaw b'mod unanimu dawn il-pjani, biex b'hekk seta' jibda x-xogħol.

Dritt wara l-Laqgħa Ġenerali, il-Kumitat kien għamel kuntatt mal-funderija Chetcuti ta' Ħal Luqa, l-istess funderija li kienet għamlet l-bust tas-Surmast Farrugia. Huma laqgħu din il-kummissjoni u b'hekk l-artist beda jibni l-bust ta' Ġużeppi Attard fit-tafal. Il-mudell tat-tafal ġie approvat mill-Kumitat u minn Emmanuel Attard, ħu Ġużeppi Attard. Ġie fondut għall-aħħar ta' Lulju 2016. Flimkien ma' dan, l-istess funderija ħadet ħsieb li tagħmel restawr tal-bust tas-Surmast Farrugia, ħalli t-tnejn ikunu pariċċ xulxin. Dan ix-xogħol qiegħed jiġi konkluż f'dawn il-ġranet u l-inawgurazzjoni tagħhom mistennija tinżamm nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2016, wara l-programm mużikali annwali.

Ejjew nieħdu din l-okkażjoni sabiex, filwaqt li niftakru f'dak kollu li għamlu għalina missirijietna, nippruvaw aħna wkoll nagħmlu l-kontribut tagħna ħalli dan Għajnsielem li tant ngħidu li nħobbu, inġibuh quddiem.

